C/2026/3891

16.7.2026

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.12457 – INDORAMA / BLACKSTONE / EPL / INDOVIDA INDIA)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2026/3891)

1. Fit-8 ta' Lulju 2026, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Indorama Netherlands B.V. ("Indorama", in-Netherlands), ikkontrollata indirettament minn Indorama Ventures Public Company Limited ("IVL Group", it-Tajlandja),

— Epsilon Bidco Pte. Ltd. ("Epsilon", Singapore), ikkontrollata minn affiljati ta' Blackstone Inc. ("Blackstone", l-Istati Uniti),

— EPL Ltd. ("EPL", l-Indja),

— Indovida India Pte. Ltd. ("Indovida"), l-Indja, ikkontrollata minn Indorama.

Indorama u Epsilon jakkwistaw, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1), il-punt (b) u l-Artikolu 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' EPL, inkluża Indovida (assorbita minn EPL).

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— Indorama hija kumpanija azzjonarja fi ħdan il-Grupp IVL u ma twettaq l-ebda attività ta' manifattura, kummerċ jew kwalunkwe attività operazzjonali oħra,

— IVL Group huwa konglomerat globali involut f'negozji diversifikati (reżini, fibri, imballaġġ, riċiklaġġ u prodotti kimiċi speċjalizzati li jipprovdu soluzzjonijiet),

— Epsilon hija kumpanija azzjonarja ta' investiment u ma twettaq l-ebda attività oħra ta' manifattura jew negozju.

3. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriża EPL, inkluża Indovida, huma dawn li ġejjin:

— il-manifattura u l-bejgħ ta' prodotti tal-imballaġġ, inklużi tubi tal-plastik laminati u estrużi, tappi u sistemi ta' għeluq, laminati, u prodotti riġidi tal-imballaġġ tal-PET, inklużi preformi tal-PET, fliexken tal-PET u sistemi ta' għeluq tal-HDPE.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

5. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.12457 — INDORAMA / BLACKSTONE / EPL / INDOVIDA INDIA

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bl-email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË